MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 621/2005

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)

vs

Anthony Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Anthony Camilleri detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 451848(M) akkuzat talli:

- f’dawn il-Gzejjer, f’Novembru 2003, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, wettaq kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew barra minn Malta, u dan minghajr licenzja moghtija lilu taht l-att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi nnegozja bhala principal jew agent fil-kambju tal-flus.

Rat kemm il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex jittiehdu l-odjerni proceduri kontra l-imputat ai termini tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376, u kemm il-kunsens previst mill-Kodici Kriminali sabiex il-kawza tistema' sommarjament.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti u semghet l-ammissjoni tieghu fl-liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anka wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-akkuza u taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni rigward il-piena;

Ikkonsidrat.

L-imputat jinsab akkuzat taht il-Kap 376, l-Att dwar l-Istituzjonijiet Finanzjarji, - senjatament li innegozja bhala principal u agent fil-kambju tal-flus. L-ammissjoni tieghu ghal din l-akkuza hija wahda volontarja u inkondizjonata. L-akkuza tirreferi ghall-perjodu Novembru 2003 u xi xhur qabel.

L-artikolu 3 tal-Att jassoggetta kull tip ta' attivita' elenkata fl-iskeda annessa mal-att ghall-licenzja u taht din l-attivita' hemm inkluz "trading for own account or for account of customers in…foreign exchange" li ghaliha hemm bzonn licenzja li l-imputat fuq ammissjoni tieghu ma kellux.

Illi ghal dik li hi piena hi applikabbli l-piena provduta fl-Avviz legali 357 tal-2002 kif emendata bl-Avviz legali 386 tal-2003 cioe' l-multa bejn Lm2,000 u Lm200,000 u/jew il-prigunerija ta' mhux anqas minn sitt xhur izda mhux iktar minn sena.

Wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena gusta ghandha tkun ta’ prigunerija sospiza. Wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kap 376 u l-Artikolu 3(1) tal-Avviz Legali 357/2002 kif emendat bl-Avviz Legali 386/2003, tikkundanna lill-imputat sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------